MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 316/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Alfred Manduca**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Talli ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Allegra Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru: XXII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, fit-13 ta’ April, 2010, fis-6 ta’ Mejju, 2010, fit-18 ta’ Mejju, 2010 u/jew fil-granet ta’ wara, f’dawn il-gzejjer, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ ghamla li tigi pprovduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilhu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax il-Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-

1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

Peress li jirrizulta li hemm taxxa perikoata ta’ €684.15c, il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija, timponi multa ohra li tkun daqs ghaxar darbiet it-taxxa perikolata u dan skond l-artikolu 77 ta’ l-Att Nru XXIII ta’ l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Lulju, 2011 fejn wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e), 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ malta u l-partiti 1 u 2 tat-Tlettax il-Skeda ta’ l-istess Kapitolu 406 issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u taghha tikkundannah multa ta’ sebgha mitt Euro (€700) u multa addizzjonali ta’ sitt elef tmien mija wiehed u erbghin Euro u hamsin centenzmu (€6,841.50) rapprezentanti ghaxar darbiet it-taxxa perikolata.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta’ Lulju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill imputat appellant minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1. Fl-ewwel lok, u b’referenza ghall-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu fis-sens illi huwa ma tax ricevuta ta’ taxxa f’ghamla illi tigi pprovduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-appellanti umilment jinvoka a favur tieghu d-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 82(1) u (2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta fis-sens illi huwa mhuwiex hati ta’ l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu preess illi l-appellanti ma kienx jaf u ma setax b’diligenza raġonevoli jsir jaf bin-nuqqas migjub kontrih fl-imputazzjoni u illi huwa ghamel kull ma seta` jagħmel sabiex iżomm milli jsir l-imsemmi nuqqas;

L-appellanti jirrileva illi dan il-kaz huwa kaz partikolari hafna b'fattispjece ghalih u tabilhaqq differenti minn kul kaz illi seta` gie deciz minn dawna l-Onorablli Qrati u dana peress illi l-kumpanija Allegra Limited illi taghha l-appellanti huwa direttur tikri fond lill-Ambaxxata Spanjola. Apparti dan il-ftehim ta' kera, il-kumpanija Allegra Limited taghti servizzi ta' manutenzjoni lill-Ambaxxata Spanjola fir-rigward ta' l-istess fond. Kif gie ppruvat, il-kumpanija Allegra Limited harget 'tax invoices' fir-rigward ta' dawn is-servizzi ta' manutenzjoni u appena ġabret il-pagament relattiv, hija kienet tghaddi t-taxxa fuq il-valur mizjud lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud billi tiddikjara fid-denunzja kif ukoll tħallas l-istess;

Ili kwistjoni kollha qamet meta l-Ambaxxata Spanjola irreklamat il-hlas lura tat-taxxa fuq il-Valur Mijzud minnha mħallsa minghand il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u rriżulta illi t-tax invoice mahruga mill-kumpannija Allegara Limited, s'intendi tramite l-"accountant" tagħha – Kurt Loporto – illi xehed quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, kellha n-numru ta' registrazzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud ta' l-Ambaxxata Spanjola nieqes u dana peress illi l-imsemmija Ambaxxata Spanjola ma hijiex persuna registrata ghal finijiet ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

KIf xehed l-appellanti, huwa ma kienx jaf bin-nuqqas illi gie imputat bih u cioe` illi t-tax invoice mahruga mill-'accounts department' tal-kumpanija Allegra Limited ma kellhiex il-partikolaritajiet kollha rikjesti mil-ligi. Gie ppruvat illi l-appellanti ha hsieb illi l-kumpannija Allegra Limited ikollha "accounts department" u nies kwalifikati sabiex jiehdu hsieb il-kotba taghha u illi ghalkemm it-"tax invoice" mahruga minnhom ma kenitx meqjusa bizzejjed mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, it-taxxa fuq il-valur mizjud illi thallset mill-Ambaxxata Spanjola lill-kumpanija Allegra Limited dejjem giet denunzata u thallset lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud propju ghaliex l-appellanti qatt ma kellu xi intenzjoni illi jevadi l-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud u lanqas kellu xi intenzjoni illi jikser id-dispozizzjonijiet tal-ligi u senjatament tal-Kap 406. Barra minn hekk, ladarba l-appellanti ha

hsieb illi jkollu “accounts department” b’ nies kompetenti u kwalifikat fil-qasam tal-kontabilita` l-appellanti ma setax b’diligenza ragonevoli jsir jar bin-nuqqas ghaliex huwa ezercita diligenza meta impjega l-imsemmija nies mal-kumapannija teighu. Huwa evidenti wkoll illi l-appellanti ghamel dak kollu illi seta` jaghmel sabiex ma jkunx hemm nuqqas f’dawk illi huma obbligi fiskali tal-kumpanija;

Maghdud ma’ dana kollu, hemm ukoll il-fatt illi meta l-appellanti intalab mill-Ispettur tal-Dipartimient tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud sabiex johrog tlett ricevuti, huwa ghamel dan minghajr tlaqliq. Dana qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-appellanti ma jaqbilx mal-mod kif il-prosekuzzjoni kisbet il-provi kontra tieghu u kif meta nhargu dawn ir-ricevuti, l-istess prosekuzzjoni ipporduciethom bhala prova kontra tieghu, u mhux ghaddiethom lil Ambaxxata Spanjola sabiex b’hekk potenzjalment, l-ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud rendew irwihom komplici f’reat jekk kien tabilhaqq meħtieġ illi dawn ir-riċevuti jghadduhom lill-Ambaxxata Spanjola u minflok ghamlu hekk esibewhom quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti bħala prova kontra l-appellanti;

Dak illi jista` jissejjah zball amministrattiv biss gie minfuħ barra kull proporzjon mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Ghaldaqstant l-appellanti umilment jissottometti illi in vista taċ-ċirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz u tal-prekawzjonijiet kollha li ha, huwa ghandu jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni;

2. Fit-tieni lok u ghal dak illi jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, l-appellanti iħoss ruħu aggravat illi huwa nstab hati anke ta’ din it-tieni imputazzjoni u dan għar-raġunijiet li ser jigu spjegati. Fit-tieni imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti, il-prosekuzjoni wara illi ippermettiet illi jirrizulta li hemm taxxa perikolata fl-ammont ta’ sitt mija erbgha u tmenin Euro u hmistax il-centezmu (€684.15), talbet lill-ewwel Onorabbli Qorti timponi multa ohra ta’ għaxar darbiet it-taxxa perikolata. L-ammont imsemmi ta’

sitt mija erbgha u tmenin Euro u hmistax il-centezmu (€684.15) huwa l-ammont ta' taxxa fuq il-valur mizjud illi thallset il-kumpannija Allegra Limited minghand l-Ambaxxata Spanjola ghal servizzi ta' manutenzjoni fil-perjodi indikati fil-komparixxi. Dwar dan ma hemmx kontestazzjoni. Lanqas hemm kontestazzjoni dwar il-fatt illi din it-taxxa fuq il-valur mizjud giet imdahhla fis-sistema kompjuterizzata tal-kumpanija Allegra Limited; debitament denunzjata fid-denunzja tat-taxxxa fuq il-valur Mizjud. Dwar dan s'intendi imhallsa lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Dwar dan mhux biss xehed l-imputat stes izda wkoll l-"accountant" Kurt Loporto illi xehed fid-dettal kif l-imsemmi ammont ta' sitt mija u erbgha u tmenin Euro u hmistax il-centezmu (€684.15) gie mhallas lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Gew ukoll ezebiti d-dokumenti kollha relattivi li juru li t-taxxa fuq il-valur mizjud iddahhlet fis-sistema tal-Kumpanija Allegra Limited, giet denunzjata u thallset;

F' dawn ic-cirkostanzi ghalhekk ma jirrizultax illi kien hemm xi taxxa perikolata ghaliex bħala stat ta' fatt irrizulta illi t-taxxa fuq il-valur mizjud giet denunzjata u mhallsa fil-mument idoneju u dana propju ghaliex f'dan il-kaz ma kien hemm assolutament ebda intenzjoni illi jigi defrawdat il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jew illi jkun hemm xi evazjoni fiskali;

Maghdud ma dan kollu, jibqa` l-fatt illi l-prosekuzjoni ghandha l-oneru illi tipprova l-imputazzjonijiet minnha dedotti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u ghalhekk kellha, bir-rispett kollu dovut, loneru illi iggib tali prova illi <u>bhala stat ta' fatt it-taxxa in kwistjoni giet perikolata</u>. Din il-prova ma ngabitx, anzi ma ngabet ebda prova f'dan ir-rigward mill-prosekuzjoni;

Ladarba gie ampjament ippruvat illi fil-kaz odjern it-taxxa in kwistjoni thallset ma kien hemm ebda taxxa perikolata u ghalhekk l-appellanti kellu jigi liberat mit-tieni imputazzjoni migjuba kontra teighu. Mhijiex amministrazzjoni tajba tal-gustizzja illi minkejja prova daqstant cara illi t-taxxa fuq il-valur mizjud kienet thallset, l-ewwel Onorabbli Qorti injorat ghal kollox il-provi u ghaddiet sabiex timponi fuq l-

appellanti multa addizzjonali ta' sitt elef tmien mija wiehed u erbghin eur u hamsin centezmu (€6,842.50);

Huwa minnu illi l-Kap 406 ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhi "taxxa perikolata" izda l-interpretazzjoni ta' tali frazi ghandha certament tinghata fid-dawl tal-fatt imsemmi aktar il-fuq illi l-prosekuzjoni trid iggib prova lil hinn mid-dubju dettat mir-raguni. Ladarba gie ippruvat illi t-taxxa giet denunzjata u thallset f'waqtha, ma jistax jinghad illi kien hemm xi taxxa perikolata;

L-ewwel Onorabbli Qorti donnha sabet htija dwar it-tieni imputazzjoni billi strahet fuq id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali moghtija nhar is-26 ta' Frar, 2001, fil-kaz fl-ismijiet Il-Pulizija vs Lino Cachia, kaz illi l-ewwel Onorabbli Qorti irriteniet illi huwa kwazi identiku ghal kaz odjern. Bir-risepett kollu dovut, l-appellanti ma jistax jaqbel ma dan peress illi – kif jirrizulta mis-sentenza illi inghatat f' dak il-kaz – mhux biss il-fattispjece huma differenti izda wkoll f' dak il-kasz jidher illi xehed l-ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud biss u b'hekk ma ngabet ebda prova sodisfacenti illi t-taxxa in kwistjoni tħallset u ma ġietx perikolata. Fil-kaz odjern, is-sitwazzjoni hija ghal kollox differenti peress illi kemm mix-xhieda ta' l-imputat kif ukoll mix-xhieda ta' Kurt Loporto. "accountant" tal-kumpanija Allegra Limited kif ukoll d-denunzji u l-irċevuti relattivi. F' dan il-kaz ghalhekk ingabet prova inkonfutabbli illi t-taxxa in kwistjoni ma giet bl-ebda mod perikolata ghaliex – kif diga` nghad – sabeix it-taxxa tigi perikolata jrid almentu jezisti dubju jekk fil-fatt thallsitx. Bil-prova tal-hlas migjuba mill-appellanti ġiet eskluża għal kollox il-possibilita` li t-taxxa in kwistjoni kienet perikolata u ghalhekk it-tieni imputazzjoni certament ma treġix fil-konfront ta' l-appellanti;

Huwa fl-ambitu ta' dawn ic-cirkostanzi u provi migjuba quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti illi kellha tiddeciedi dik il-Qorti u mhux in vacuo b' referenza ghal sentenza illi inghatat fejn il-provi migjuba kienu differenti. L-ewwel Onorabbli Qorti irriteniet illi bil-fatt wahdu illi l-kumpanija Allegra Limited harget "invoice" flok ricevuta fiskali, hija ipperikolat il-gbir tat-taxxa relattiva. Bir-rispett kollu, l-

appellanti ma jistax jifhem kif setghet l-ewwel Qorti tinjora ghal kollox il-provi migjuba quddiemha fis-sens illi t-taxxa in kwistjoni thallset f'waqtha u tghid illi l-gbir ta' dik it-taxxa gie perikolat. Bir-rispett kollu dovut, is-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti ma taghmilx sens f' dan ir-rigward ghaliex ma seta` qatt jigi ritenut illi t-taxxa in kwistjoni giet perikolata ladarba ingabet il-prova illi thallset;

Ghaldaqstant l-appellanti umilment jissottometti illi huwa kellu jigi mehlus mit-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu ghaliex gie ampjament ippruvat il-kuntrarju.

3. Ghalkemm mhux fil-forma ta' aggravju, l-appellanti jixtieq jissofferma ruhu, fil-qasir, fuq il-kwezit kostituzzjonali mqajjem minnu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u ghad-decizjoni illi permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talba ta' l-appellanti sabiex l-istess kwezit jigi riferit lill-Pirm' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali). L-appellanti fil-fatt ihoss illi bil-fatt illi l-ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talbu johrog ricevut fiskali minghajr ma avzah illi b'hekk jista` jkun qieghed jinkrimina lilu nnifsu u illi jistghu jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront teighu u illi l-istess ser jingiebu bi prova kontra tieghu, illedielu d-drittijiet fundamentali tiegħu taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dan kif amplifikat f'sentenzi ricenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom il-Pulizija v. Mark Lombardi. L-appellanti jirrileva illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghalkemm cahdet it-talba sabiex issir referenza kostituzzjonali ghamlet l-izball illi **dahlet hija stess fil-mertu** ta' dak il-kwezit imqanqal billi fost affarijiet oħra ezaminat – mill-ottika tagħha – jekk kienx hemm cirkostanzi li jehtiegu li l-appellanti jinghata dritt jikkonsulta ruħu ma' avukat. Certament id-determinazzjoni tal-mertu tar-referenza kostituzzjonali ma kienx kompitu tal-ewwel Onorabbli Qorti ghaliex dik il-Qorti hija Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali. L-appellanti jirrileva ulterjorment ukoll illi kien hemm xi nuqqas u ksur tal-ligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għaliex kien jinħtieġ illi jinħarġu l-ircevuti fiskali u jinghataw lill-Ambaxxata Spanjola, allura l-ispettur tad-Dipartiment tat-

Taxxa fuq il-Valur Mizjud kienu qeghdin irendu rwiehom komplici fl-allegat ksur ta’ ligi meta minflok ghaddew l-ircevuti lill-Ambaxxat Spanjola zammewhom sabiex jipproducuhom fil-proceduri kriminali kontra l-appellanti. Dina l-Onorabbli Qorti certament tapprezza illi l-esponenti kien qiegħed jiġi investigat tant illi ttiehdu passi kriminali kontra tieghu u għalhekk kien ukoll meqjus bħala suspettat għal fini ta’ proċeduri kriminali;

Ikkunsidrat

Huwa magħruf sew li fis-sistema tagħna, il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax il-konklużjoni lit kun waslet għaliha l-ewwel Onorabbli Qorti jekk din tkun waslet għaliha raġonevolment u legalment.

Il-Qorti semgħet ix-xhieda mill-ġdid. L-ewwel xhud kienet is-Sinjura Connie Azzopardi li kkonfermat li d-dokument a fol 6,7,8 huwa l-VAT reġistration form tas-soċjeta’ Allegra Limited. Qalet ukoll li l-VAT registration number ikollu bżonnu min irid joħroġ riċevuta. Is-sur Manduca iffirma għas-soċjeta’. Ikkonfermat ukoll li a fol 16 jidhru tliet riċevuti fiskali. Hemm indikat il-kljient li ħa s-servizz.

It-tieni xhud kien Carmelo Cassar li hu spettur tal-VAT. Huwa kien mar fit-23 ta’ Novembru 2010 biex jiċċekkja fuq xi riċevuti mhux fiskali li ma nħarġux fejn kienu saru xi pagamenti. L-Ambaxxata Spanjola kienet ħallset b’xi ċekkijiet u ma ngħatawx riċevuta. A fol 17 jidher tax invoice li jingħata bejn żewġ persuni li jkunu reġistrati għall-VAT. L –istess xhud identifika ċekkijiet li tħallsu mill-Ambaxxata Spanjola lill-kumpanijia Allegra Limited. Huma kienu kellmu lill-appellant u ħadulhom kotba bir-riċevuti tal-VAT. Il-kumpanija ħarġet ir-receipts wara insistenza tad-dipartiment biex id-dipartiment ikollu evidenza li ma kinitx inħarġet ir-riċevuta. (fol 64) L-appellant kien qalilhom li ma kienx jaf li jrid joħroġ irċevuta. (fol 63). A fol 28 jidher cheque tal-HSBC bid-data 15 ta’ Lulju 2919 maħruġ favor il-VAT department minn Allegra Limited. A fol 29 hemm riċevuta mid-dipartiment tal-VAT għall-ammont li hemm imniżżel fiċ-cheque li jidher a fol 28.

Bħala spetturi tal-VAT huma sabu li kien inħareġ tax invoice biss u mhux riċevuta fiskali. Ir-riċevuti tal-ktieb kellhom jinħarġu skont la-mmonti fuq it-tax invoices.
Fil-kontro-eżami, dan ix-xhud qal li kienu bdew l-investigazzjoni tagħhom wara li l-Ambaxxata Spanjola talbet ir-refunds. Huwa ftakar li l-appellant kien staqsiehom b'liema data kellu joħroġ ir-riċevuti.
It-tielet xhud kienet Audrey Ghigo, rappreżentanta tal-HSBC, xehdet li dawk li kienet qed tintwera fil-proċess kienu kopji ta' ċekkijiet maħruġa mill-Ambaxxata Spanjola u li kienu pagabbli lil Allegra Limited.
Ir-raba' xhud kien l-appellant. Alfred Manduca qal li huwa d-direttur tal-Kumpanija Allegra. Il-kumpanija tikri dar lill-Ambaxxata Spanjola u dar oħra li tinkera lill-kumpanija oħra. Kien jieħu ħsieb l-Accounts ċerta Kurt Loporto. Is-sur Loporto u s-sur Mark Vassallo infurmawh li kienu ġew xi spetturi tal-VAT isaqsu xi domandi figward invoices li kienu ħarġu. L-Ispetturi qalulhom li kellhom jinħarġu riċevuti fiskali skont l-invoices. Imbagħad f'Novembru kien mar is-sur Cassar tal-VAT Department u qallu li kienu ġabulu l-kotba biex joħroġ l-irċevuti għal dawk l-invoices li kien hemm kwistjoni fuqhom. Is-sur Cassar kien qallu biex l-irċevuti jagħtihom id-dta ta' dak in-nhar. Il-kumpanija toħroġ 19-il-invoice biss fis-sena. Tnax minnhom huma identiċi u bl-istess ammont. Fl-invoice hemm indikat l-ammont ta' VAT  u kull tliet xhur, meta jagħmlu r-rendikont tal-VAT, dawn ikunu depożitati  u jsir rendikont mad-Dipartiment tal-VAT.  Ix-xhud intwera d-dokument a fol 38 u l-envelope a fol 40.  Huwa għaraf ir-referenza għall-ġardinar Mario Gauci u li kienu qed jagħtu 228.5 Euros VAT fuq id-dikjarazzjoni tal-VAT report. Dan kien dokument tal-kumpanija b'rendikont ta' x'ġara matul il-perjodu kollu.  Imbagħad hemm it-tax return li tinkludi d-dikjarazzjoni kollha u l-VAT li kien mogħti.(fol 71).   Kien jieħu ħsieb l-Accounts is-sur Loporto li qabel jibgħat il-VAT return kien jiċċekkja miegħu li l-VAT intbagħtet kollha. Fil-fatt kien joħroġ cheque u fil-proċess kien hemm riċevuta taċ-cheque. Mir-records huwa ċar li huma kienu ħallsuha l-VAT. L-appellant irriafferma dan.
Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li kein jiċċekkja kollox mal-Accountant tiegħu. Huma kienu jafu li l-Ambaxxata Spanjola ma kinitx entita' li tħallas il-VAT fuq ir-residenza

tal-ambaxzxatur tagħha. Huma ma kinux jagħtu la invoice u lanqas riċevuta iżda xorta kienu jiddikjaraw ir-renta fil-VAT. Fil-kuntratt il-ġdid kienu xtaquhom jibdew jagħtuhom servizz ta' gardening. L-iżball min-naħa tagħhom kien li kienu mdorrijin mal-Ambaxxata ma jagħtuhomx receipts tal-VAT għar-renta .
Il-ħames xhud kien Kurt Loporto. Dan qal li l-ewwel darba li kienu marru l-Ispetturi tal-VAT dawn kienu qalulhom li kellhom bżonn joħorġu l-fscal grey receipt u mhux l-invocie biss. Qalulhom beix jordnaw il-kotba u ordnaw il-kotba. A fol 17 hemm l-Invoice li joħroġ bis-Sage u minn fuqu jikkalkulaw il-VAT return u kemm miridu jħalalsu VAT. Dak l-Invoice ħareġ lill-Ambaxxata ta' Spanja. Imbagħad meta tiġi l-VAT return huma kienu jħallsu l-VAT kollha dovuta. Il-VAT għad-dati ta' 13 t'April, 6 ta' Mejju u 18 ta' Mejju tħallset. It-total tal-VAT kien ta' 5523.09 fuq invoice ta' 4,800.
Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li ma kienx il-firmatarju tal-kumpanija u li dejjem kien jikkomunika mal-appellant.

**Sottomissjonijiet**

Id-difiża ssottomettiet li l-appellant kien ħa ħsieb li jsir kollox kif kellu jsir u ma evada ebda obbligu. Ir-riċevuti imbagħad intużaw kontra tiegħu. Il-VAT Act lanqas biss jiddefinixxi t-taxxa perikolata x'inhi. Dan il-każ huwa ġenwin u t-taxxa tal-VAT li kellha titħallas tħallset. Ir-referenza li għamlet l-Ewwel Qorti għas-sentenza 'Il-Pulizija versus Lino Cachia' mhix idonea. Hemm l-imputat lanqas biss kien xehed waqt li f'dawn il-proċeduri nġiebet prova kuntrarja. It-taxxa kienet qed tkun iddenunzjata u mħallsa fil-ħin.
Il-Prosekuzzjoni nsistiet li min hu reġistrat għall-VAT għandu jwettaq id-dmirijiet kollha li hemm imposti. Hawn kellha toħroġ ir-riċevuta fiskali u din ħarġet tard wisq. La ma nħarġitx ir-riċevuta fiskali kien qed jipperikola li ma titħallasx it-taxxa.

Ikkonsidrat

Il-Qorti qed tibda mit-tielet punt li qajjem l-appellant. Il-Qorti qed issejjaħlu 'punt' għaliex id-difiża stess ddeskriviet il-kweżit Kostituzzjonali bħala mhux aggravju.
Din il-Qorti rat id-digriet tas-6 ta' Lulju 2011 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn il-Qorti kienet qalet hekk:

*'Il-Qorti hija tal-fehma li t-tqanqil ta' din il-kwistjoni mir-rikorrent hija frivola kif ukoll vessatorja u konsegwentement mhux il-każ li ssir ir-referenza rikjesta.'*
L-ewwelnett il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) mhix kompetenti li tiddeċiedi lanjanzi ta' natura Kostituzzjonali.
It-tieni: l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni l-artikolu 4(5) tal-Kap 319 jgħidu li m'hemmx appell minn deċiżjoni li tkun qieset rikors jew talba għal referenza bħala frivola jew vessatorja. Isegwi li jekk ma hemmx appell quddiem il-Qorti Kosituzzjonali meta tkun ingħatat tali deċiżjoni , multo magis, m'hemmx 'appell' quddiem din il-Qorti jew xi dmir jew kompetenza li din il-Qorti terġa' tqis il-lanjanza mqajma quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.
It-tielet, l-appellant għadu qiegħed fl-istadju fejn wieħed jista' jfittex rimedju ordinarju.
Għal dawn it-tliet raġunijiet, il-Qorti qed tiddisponi mit-tielet 'punt' tar-rikors, billi ma tiħux konjizzjoni tal-kontenut tiegħu.

**Dwar l-ewwel aggravju**

Dan għandu x'jaqsam mal-ħruġ ta' riċevuta fiskali. L-appellant kien ħareġ invoice lill-Ambaxxata Spanjola iżda mhux ir-riċevuta fiskali. Ir-riċevuti fiskali ħarġu bid-data mitluba mill-Ispetturi tal-VAT jiġifieri fit-23 ta' Novembru 2010. Mill-provi jirriżulta li l-appellant kien qed jikkontrolla x'kien qiegħed isir billi kien jara x'qed jagħmel l-accountant tiegħu. Anzi huwa stess qal li dan kien l-uniku żball tagħhom. Il-Qorti hawn qed tirreferi għal dak li ntqal fil-każ 'Il-Pulizija versus Victor Sant' tat-12 ta' Diċembru 2002 fejn il-Qorti rriteniet
'li persuna tista' teżimi ruħha minn din ir-responsbalita' vikarja jekk tipprova mqar fuq bażi ta' probabilita' jew (a) li ma kinitx taf u li ma setgħetx b'diliġenza raġonevoli tkun taf b'dak l-għemil jew nuqqas, jew (b) li tkun għamlet kulma setgħet tagħmel sabiex iżżomm dak l-għamil jew nuqqas.'
Minħabba (i) li nuqqas ta' għarfien tal-Liġi mhux skuża; [1]u (ii) li l-appellant ma ssodisfa ebda waħda mill-

[1] Ara dwar dan: Il-Pulizija vs Lino Cachia tas-26 ta' Frar 2001.

kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti; u (iii) li l-appellant kien jaf li ma ħarġitx ir-riċevuta fiskali, allura l-appellant mhux f'pożizzjoni li jibbenefika mill-proviso tad-dispożizzjoni tal-artikolu 82(1) għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju. Il-Qorti konsegwentement qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

Dwar it-tieni aggravju l-Qorti qed tikkonsidra kemm il-każ 'Il-Pulizija vs Lino Cachia' tas-26 ta' Frar 2001 li ċċitat l-Ewwel Onorabbli Qorti (a fol 43)kif ukoll il-każ aktar riċenti ta' 'The Police v Pier Massa' tat-28 ta' Marzu 2012.

Fl-ewwel każ il-Qorti ddeċidiet hekk:
'….l-appellant ma setax joħroġlu tax invoice iżda kellu joħroġlu riċevuta fiskali. Bil-fatt illi naqas milli joħroġ tali riċevuta, l-appellant kien qed jipperikola t-taxxa dovuta indipendentement minn jekk in segwitu huwa ddikjarax tali taxxa fir-return. '
Fit-tieni każ il-Qorti qalet hekk:
'10. *As to appellant's objection regarding the imposition of additional tax, saying that the tax in question was never endangered, it appears that the first Court imposed such additional tax after having referred to the judgement in the names Il-Pulizija v. Lino Cachia delivered by this Court differently presided on the 26th February 2001. The circumstances in this case, however, are somewhat different to those in the Cachia case. Here, the payment by COMNET-IT was made on the 10th March 2010. The VAT due amounting to €540 had, however, already been registered in the company's records. The payment of this amount was made by the company to the Commissioner with the company's return for the period 1st December 2009 to 28th February 2010 (due by 15th April 2010) and debited to the company's account on the 22nd April 2010. This means that, although payment by COMNET-IT was effected after the period covered by said return, the company had credited the amount of VAT in question to the Commissioner in its records on the date the invoice was issued (31st January 2010), and paid to the Commissioner for the return period which, as stated, did not cover the date on which the company had received payment. COMNET-IT then asked for a VAT refund on the*

*18th November 2010. By no stretch of the imagination can it be said that, in this case, was there at any moment in time even the mere possibility of any endangered tax.'*

Fil-każ ta' llum il-Qorti tinnota li l-VAT inspctors jidher li marru darbtejn. L-ewwel f'nofs Awwissu (almenu skont pprova jiftkar l-appellant) (fol 69) (għaliex is sur Loporto lanqas biss ftakar meta kienu marru) u imbagħad fit-23 ta' Novembru 2010 kif jidher mir-riċevuti li mela l-appellant stess bid-data li talbuh juża l-ispetturi.

Mir-riċevuta tal-VAT return, jidher li dan daħlet fil-15 ta' Lulju 2010 (ara fol 40) u jidher li m'hemmx dubju li l-VAT li kellha titħallas kienet tħallset kollha. (ara wkoll ic-cheque tal-15 ta' Lulju, 2010).

Il-ħlasijiet mill-Ambaxxata Spanjola saru fit-13 t'April, 2010, 18 ta' Mejju 2010 u 26 ta' Mejju 2010. It-Tax invoices juru d-dati 29 ta' April 2010, 14 ta' Mejju 2010 u 5 t'April 2010

Il-Vat Return kienet tkopri l-perjodu 01/03/2010 u l-31/05/2010.

Il-Qorti qed tqis li f'dan il-dan il-każ it-taxxa kienet tħallset fil-perjodu dovut u qabel ma marru l-Ispetturi. Filfatt, skont ir-rapport tal-VAT department stess l-Action Start Date u l-Action End Date hija dik tat-23 ta' Novembru 2011.

Barra minn hekk kien ħareġ tax invoice lill-Ambaxxata Spanjola u mhux lil xi bniedem kwalunkwe. Id-differenza qegħda hawnhekk. L-ewwelnett, skont il-Kap 191 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ambaxxati huma meħlusa milli jħallasu kwalunkwe taxxa u dana a tenur tal-Vienna Convention on Diplomatic Relations. It-tieni, Ambaxxata mhix ser tħalli xi dritt li għandha għall-ħlasijiet li għandu tieħu għaddej għaliex taf li l-Accounts tagħha huma suġġetti għal skrutinju mill-awdituri tal-Istat li tirrappreżenta. Għalhekk l-appellant kien jaf li ser tintalab refund tat-taxxa u li l-Kumpanija Allegra bilfors kellu ikun konformi u tibgħat it-Taxxa Tal-VAT dovuta għaliex inkella kien ser l-kumpanija ser tiġi fl-inkwiet.

Il-Qorti qed tqis iċ-ċirkostanzi **speċjali** tal-każ, fejn mhux biss kienet tħallset it-taxxa dovuta, iżda wkoll l-entita' minn għand min inġabret it-taxxa. Qegħda wkoll tiddistingwi l-fatti tal-ewwel każ ċitat kif ukoll qed tara xebħ mat-tieni

wieħed li għalih saret referenza. Qed tikkonkludi li t-taxxa ma kinitx ipperikolata.
Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' t-tieni aggravju li kellu x'jaqsam mat-tieni imputazzjoni.

**Konklużjoni**
Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza tas-6 ta' Lulju 2011, billi filwaqt li tikkonfermha fejn sabet lill-appellant ħati li huwa ma ħariġx riċevuta fiskali u kkundannatu jħallas multa ta' seba' mitt Ewro (€700) u, minħabba ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, qed tirriformha u tbiddilha fejn l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant li jħallas multa addizzjonali u minflok qed tilliberah mill-ħlas tal-multa addizzjonali indikata fis-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------